MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 267/2007

**Megabyte Ltd (C 4657)**

**Vs**

**Hetronic Malta Ltd**
**(C 16025)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta` Marzu, 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` tmien mija u sebgha u tmenin lira, tnejn u disghin centezmu (Lm887.92c), rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` servizzi ta` manutenzjoni lilha pprovduti fuq inkarigu taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittri legali datati 3 ta` Novembru, 2006, 23 ta` Novembru, 2006, 15 ta` Dicembru, 2006 u 18 ta` Jannar, 2007 u bl-imghaxijiet legali mill-15 ta` Gunju, 2006, id-data tal-fatturi relattivi

sal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta datata 10 ta` April, 2007 fejn ikkontestat t-talba attrici bhala nfondata fattwalment u legalment u li t-talba attrici kienet ibbazata fuq allegazzjoni ta` zball li hadet l-istess socjeta` attrici wara li kienet gia` accettat diversi pagamenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 28 ta` Mejju, 2007 u ta` tliet ittri bonarji.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni maghmula mill-abbli konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-vertenza kollha bejn il-partijiet f’din il-kaz tikkoncerna l-fatt jekk r-rata ta` manutenzjoni ta` 12% kellhiex tigi kkalkolata fuq il-valur tal-lokazzjoni ta` l-apparat kif tirritjeni s-socjeta` konvenuta u kif fil-fatt kienet gia` bdiet thallas jew inkella kellhiex tigi kkalkolata fuq il-valur ta` xiri ta` l-istess apparat. Illi ghalhekk hija kwistjoni purament dwar kif wiehed ser jinterpreta l-kondizzjonijiet tal-kuntratt pattwit bejn iz-zewg nahat.

Il-partijiet jaqblu li ghal bidu s-socjeta` konvenuta kienet uriet interess li takkwista b’xiri minghand is-socjeta` attrici kemm is-software u kif ukoll il-hardware. Ciantar ghas-socjeta` attrici jghid illi bdew anke jiddiskutu flimkien is-servizz ta` after sales u cioe` biex jaslu ghal ftehim fuq il-maintenance ta` l-apparat. Huwa jispjega li s-socjeta` attrici tithallas ir-rata ta` 12% per annum fuq il-valur ta` l-apparat hardware li jkun inxtara. Din ir-rata tithallas kull sena bil-quddiem u ma hiex rifondibbli. In segwitu Francalanza ghas-socjeta` konvenuta beda jindaga jekk is-socjeta` attrici setghetx toffri l-istess servizzi li jfornu l-apparat taht sistema ta` leasing flok outright purchase. Fil-fatt iz-zewg socjetajiet ikkonkludew il-ftehim ta` bejniethom billi s-socjeta` konvenuta akkwistat l-apparat li

riedet taht forma ta` leasing u beda jithallas ir-rata relattiva ghal manutenzjoni kull sena bil-quddiem, liema rata kienet qed tigi kkalkolata skond il-valur lokatizzju. Il-pagamenti maghmula mis-socjeta` konvenuta f'dan is-sens kienu qed jigu accettati mis-socjeta` attrici minghajr ebda rizervi ta` xejn. Dan jirrizulta bl-aktar mod ampju kif jidher minn Dok. MC3 fejn jirrizulta car li s-socjeta` attrici kienet qed tippretendi rata ta` manutenzjoni ta` 12% fis-sena fuq il-valur lokatizzju u mhux fuq il-valur tal-bejgh. Is-socjeta` attrici stess qieghedha tammetti li sar zball minn naha taghha meta hija kkalkolat ir-rata ta` 12% fuq il-valur lokatizzju minflok fuq il-valur ta` outright purchase ta` l-apparat. Is-socjeta` attrici tghid li ndunat b'dan 'l hekk imsejjah zball wara li hargu l-invoice u thallsu ghas-saldu ta` sentejn fuq xulxin.

Pero` wiehed irid jara qabel xejn jekk dan kienx fil-fatt u tassew zball jew xi ripensament ingustifikat da parti ta` l-istess socjeta` attrici. Wara kollox ma` kien sar ebda bejgh izda leasing ta` l-apparat. Inoltre jigi osservat ukoll illi ma kien hemm ebda maintenance agreement per se` iffirmat bejn il-partijiet peress illi s-sample agreements mibghuta lis-socjeta` konvenuta baqghu qatt ma gew iffirmati mill-partijiet. Ix-xhud Caruana Saydon tinsisti illi ir-rata ta` 12% ghandha tigi kkalkolata fuq il-valur ta` l-apparat bhala mixtri anke fil-kazijiet meta dan jigi leased out. Hija tispjega li din l-interpretazzjoni tohrog mid-draft maintenance agreements mghoddija lis-socjeta` konvenuta, liema abbozzi pero` baqghu qatt ma gew iffirmati u kwindi wiehed ma jistax jistrieh fuq dan l-argument. Mill-banda l-ohra mid-dokument mibghuta mis-socjeta` konvenuta li jinsab a fol. 31 u 34 tal-process jidher car li l-hlas tal-manutenzjoni kien qed isir a bazi tal-valur lokatizzju, liema pagament kien gie accettat mis-socjeta` attrici ghal sentejn di segwitu. John Ambrogio tas-socjeta` attrici wkoll jikkonfermali ghalkemm kienu qed jaccettaw hlas ghal manutenzjoni li jinsab indikat bhala purchase order, kienu ben konsapevoli li l-hlas kien qed isir u jigi accettat minnhom fuq relazzjoni lokatizzja u mhux bejgh. Huwa jzid ighid li kien iqis il-"purchase order" mibghuta mis-socjeta` konvenuta bhala accettazzjoni tal-lease agreement. Kwindi hawn dan ix-xhud li jigi l-General

Manager tas-socjeta` attrici qed jikkonferma ghal darba ohra r-relazzjoni ta` natura lokatizzja bejn iz-zewg nahat u dana versu l-pattijiet indikati u accettati miz-zewg nahat fl-istess dokument, stante li in segwitu ghal hrug tieghu kien sar u gie accettat pagament ghal darba tnejn taht it-termini hemm indikati.

Illi in vista tal-premess ghalhekk ma hemm xejn x'jindika li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li r-rata ta` 12% ghal manutenzjoni kellha tkun fuq il-valur ta` l-apparat bhal li kieku inxtara. Hawn *si tratta* ta` ftehim ta` leasing konkluz bejn il-partijiet fejn jirrizulta ppruvat li s-socjeta` attrici accettat ghal darba tnejn, sena wara sena pagamenti annwali ghal manutenzjoni bir-rata ta` 12% kalkolat fuq il-valur lokatizzju. Ma hemm xejn x'jindika li l-partijiet ftiehmu mod iehor.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta kwindi jichad it-talba attrici b'dan illi ghandu jigi ritenut gust u ekwu li d-drittijiet u spejjez gudizzjarji ta` din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------